31997R0058

17.1.1997 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 14/1

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM) Nru 58/97
## ta' l-20 ta' Diċembru 1996
## dwar statistiċi strutturali kummerċjali

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 213 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-abbozz tar-Regolament ippreżentat mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

(1) Billi fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Novembru 1989 dwar il-kummerċ intern fil-kuntest tas-suq intern ([4]) il-Kunsill talab lill-Kummissjoni speċjalment sabiex ittejjeb l-istatistiċi kummerċjali billi tagħmilhom kompatibbli mad-definizzjonijiet tal-Komunità u billi żżid kemm ikun hemm bżonn, il-provvista ta' dawn l-istatistiċi lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej;

(2) Billi fid-Deċiżjoni 92/326/KEE ([5]) il-Kunsill adotta programm ta' sentejn (1992 sa l-1993) għall-iżvilupp ta' statistiċi Ewropej; billi dan il-programm jinkludi l-kumpilazzjoni ta' statistiċi armonizzati fuq livelli nazzjonali u reġjonali, l-aktar għan-negozji distributtivi;

(3) Billi fid-Direttiva tiegħu 78/660/KEE ([6]) il-Kunsill adotta miżuri sabiex itejbu l-koordinazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw il-preżentazzjoni u l-kontenut ta' kontijiet annwali u rapporti annwali, il-metodi ta' l-evalwazzjoni użati fihom u l-pubblikazzjoni dwar ċerti tipi ta' kumpaniji;

(4) Billi sadanittant il-Komunità għamlet progress sostanzjali lejn l-integrazzjoni; billi tattiċi u linji gwida ekonomiċi ġodda, tal-kompetizzjoni, soċjali, ambjentali u ntraprenditorjali jitolbu inizjattivi u deċiżjonijiet ibbażati fuq statistiċi validi; billi l-informazzjoni pprovduta taħt il-leġislazzjoni eżistenti tal-Komunità jew disponibbli fl-Istati Membri mhix biżżejjed, mhix adegwata jew ma tipparagunax biżżejjed biex isservi ta' bażi li wieħed jista' joqgħod fuqha għax-xogħol tal-Kummissjoni;

(5) Billi bid-Deċiżjoni tiegħu 93/379/KEE ([7]) il-Kunsill adotta programm għal ħafna snin ta' miżuri tal-Komunità biex jintensifika oqsma ta' prijorità sabiex jassigura li tit-kompla u tkun ikkonsolidata l-istrateġija għall-intrapriża, partikolarment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, fil-Komunità; billi hemm bżonn ta' statistiċi biex jitqies l-impatt tal-miżuri meħuda sabiex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni, speċjalment biex ikun hemm statistiċi li jkunu jistgħu jitqabblu għall-kummerċ fis-setturi kollha, statistiċi dwar relazzjonijiet sub-kontrattwali nazzjonali u internazzjonali bejn negozji u statistiċi aħjar dwar l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; billi dawn il-ħtiġiet m'għandhomx iwasslu għall-imposizzjoni ta' ħtiġiet ta' rapportaġġ ta' toqol bla sens fuq intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

(6) Billi fid-Deċiżjoni tiegħu 93/464/KEE ([8]) il-Kunsill adotta qafas ta' programm għall-azzjonijiet ta' prijorità fil-qasam ta' l-informazzjoni statistika għall-1993 sal-1997;

(7) Billi hemm bżonn ta' statistika dwar it-tmexxija tal-kummerċ, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam marriċerka, l-iżvilupp u t-tiġdid, it-tħaris ambjentali, l-investiment, l-eko-industrji, it-turiżmu u l-industriji tat-teknoloġija għolja; billi l-iżvilupp tal-Komunità u l-operat tas-suq intern iżidu l-ħtieġa ta' informazzjoni li tista' titqabbel dwar l-istruttura tal-qligħ ta' l-impjegati, kemm iqum ix-xogħol u dwar it-taħriġ;

(8) Billi hemm bżonn ta' għejun kompleti u li wieħed jista' joqgħod fuqhom biex jippermettu applikazzjoni korretta tad-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom tat-13 ta' Frar 1989 dwar l-armonizzazzjoni tal-kumpilazzjoni tal-prodott gross nazzjonali bil-prezzijiet tas-suq ([9]);

([1]) ĠU C 146, tat-13 6.1995, p. 6.
([2]) ĠU C 96, ta' l-1.4.1996, p.236.
([3]) ĠU C 236, tal-11.9.1995, p. 61.
([4]) ĠU C 297, tal-25.11.1989, p.2.
([5]) ĠU L 179, ta' l-1.7.1992, p.131.
([6]) ĠU L 222, ta' l-14.8.1978, p.11 Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 94/8/KE (ĠU L 82, tat-25.3.1994, p.33).
([7]) ĠU L 161, tat-2.7.1993, p.68.
([8]) ĠU L 219, tat-28.8.1993, p.1.
([9]) ĠU L 49, tal-21.2.1989, p.26.

(9) Billi l-kumpilazzjoni ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali skond is-sistema Ewropea ta' kontijiet ekonomiċi integrati (KEI) għandha bżonn ta' l-iżvilupp ta' l-għejun statistiċi li jkunu jistgħu jitqabblu, li huma kompleti u li wieħed jista' joqgħod fuqhom;

(10) Billi hemm bżonn ta' indikaturi u kontijiet reġjonali;

(11) Billi, biex jitwettqu x-xogħolijiet mogħtija f'idejhom taħt it-Trattati, speċjalment rigward is-suq intern, il-Kummissjoni għandu jkollha l-informazzjoni kompleta, aġġornata, affidabbli u li tista' titqabbel dwar l-istruttura, l-attivitajiet, il-kompetittività u l-ħidma ta' l-intrapriżi fil-Komunità;

(12) Billi l-istandarizzazzjoni trid tissodisfa l-ħtiġiet tal-Komunità għall-informazzjoni li tirrigwarda l-konverġenza ekonomika;

(13) Billi n-negozji u l-għaqdiet professjonali tagħhom jinħtieġu din l-informazzjoni sabiex jifhmu s-swieq tagħhom u sabiex iqabblu l-attività u x-xogħol tagħhom ma' dawk tal-kompetituri tagħhom fuq il-livell nazzjonali u internazzjonali;

(14) Billi l-ħolqien ta' standards statistiċi komuni li jippermettu l-produzzjoni ta' dettalji armonizzati hija azzjoni li tista' ssir b'mod effiċjenti fuq il-livell tal-Komunità; billi dawn l-istandards jiġu implimentati f'kull Stat Membru taħt l-awtorità tal-korpi u l-istituzzjonijiet responsabbli għall-kumpilazzjoni ta' l-istatistika uffiċjali;

(15) Billi l-aħjar metodu biex taċċerta l-istruttura, l-attività, il-kompetittività u l-attività ta' l-intrapriżi fil-Komunità jikkonsisti fil-kumpilazzjoni ta' statistika skond il-prinċipji komuni tal-metodoloġija u d-definizzjonijiet komuni tal-karatteristiċi; billi huwa biss minn kumpilazzjoni koordinata li statistika armonizzata tista'tkun ikkumpilata b'mod kredibbli, bil-ħeffa, bil-flessibilità u bil-livell ta' dettall meħtieġ biex jissodisfa l-bżonnijiet tal-Kummissjoni u ta' l-intrapriżi;

(16) Billi d-definizzjoni ta' unitajiet ta' tip-ta'-attivita (UTA) tikkorrispondi għal subdiviżjoni operattiva waħda jew aktar ta' l-intrapriża; billi, biex UTA tkun osservabbli, is-sistemi ta' l-informazzjoni ta' l-intrapriża għandhom ikunu kapaċi jindikaw jew jikkalkulaw għal kull UTA għallanqas il-valur tal-produzzjoni, il-konsum intermedju, kemm iqumu n-nies li jitqabbdu jagħmlu x-xogħol, il-bilanċ favorevoli ta' operazzjonijiet u l-impjieg u l-formazzjoni ta' kapital fiss gross; billi l-UTA li jaqgħu taħt titolu partikolari fil-klassifika statistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunitajiet Ewropej (NACE REV. 1) jistgħu jipproduċu prodotti apparti mill-grupp omoġenju, minħabba l-attivitajiet sekondarji konnessi magħhom li ma jistgħux jiġu identifikati separatament minn dokumenti ta' kontijiet disponibbli; billi tista' tikkonkludi li l-intrapriża u l-UTK huma identiċi meta jkun impossibbli għall-intrapriża li tindika jew tikkalkola l-informazzjoni fuq il-varjabbli kollha elenkati f'din il-parti għal subdiviżjoni ta' operazzjoni waħda jew aktar;

(17) Billi d-dettalji statistiċi kkumpilati fi ħdan sistema tal-Komunità għandhom ikunu ta' kwalità tajba biżżejjed u din il-kwalità, kif ukoll il-piż li ġġorr, għandhom ikunu jistgħu jitqabblu minn Stat Membru għall-ieħor; billi għalhekk hemm bżonn li jistabbilixxu flimkien il-kriterji li jippermettu li jitwettqu dawn il-ħtiġiet;

(18) Billi hemm bżonn li jiġu mħaffa l-proċeduri amministrattivi għall-intraprizi, l-aktar għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, inkluża l-promozzjoni ta' teknoloġiji ġodda għall-ġbir ta' dettalji u l-kumpilazzjoni ta' statistika; billi jista' jibqa' l-bżonn li jinġabru direttament mill-intrapriżi d-dettalji meħtieġa sabiex tkun ikkumpilata l-istatistika strutturali kummerċjali, b'użu ta' metodi u teknika li jassiguraw li huma eżawrjenti, kredibbli u aġġornati, mingħajr ma jwaqqgħu fuq il-partijiet konċernati, l-aktar għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju piż li mhux proporzjonali mar-riżultati li dawk li jużaw l-istatistika jistgħu jippretendu bir-raġuni;

(19) Billi l-iffirmar tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) ġab bżonn ta' informazzjoni fuq id-daqs tas-swieq ta' dawk li ffirmaw u ta' l-ishma tagħhom f'dawk is-swieq biex jitħaddem u jiġi żviluppat dak il-Ftehim;

(20) Billi hemm bżonn ta' qafas legali komuni għall-attivitajiet kummerċjali kollha u l-oqsma tal-istatistika kummerċjali li tkopri wkoll l-attivitajiet u l-oqsma li għalihom għadha ma ġietx żviluppata statistika;

(21) Billi d-Direttiva Nru 64/475/KEE [1] u d-Direttiva Nru 72/221/KEE [2], li l-għan tagħhom kien li jipprovdu korp ta' statistika kooerenti, ma setgħux jikkunsidraw il-bidliet ekonomiċi u tekniċi li ġraw minn mindu ġew adottati u għalhekk għandhom jiġu revokati;

(22) Billi, biex jippermettu li r-regoli għall-ġbir u l-ipproċessar statistiku ta' dettalji u għall-ipproċessar u trasmissjoni tar-riżultati jiġu aktar ċċarati, hemm bżonn li tingħata lill-Kummissjoni, megħjuna mill-Kumitat tal-Programm Statistiku stabbilit bid-Deċiżjoni 89/382/KEE, Euratom [3], il-poter li tadotta miżuri għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament,

---

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 64/475/KEE tat-30 ta' Lulju 1964 li tikkonċerna l-istudji kkoordinati annwali ta' l-investiment fl-industrija (ĠU L 131, tat-13.8.1964, p.2193).<0} Id-{0><}0{>Direttiva kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-1985.

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 72/211/KEE tas-6 ta' Ġunju 1972 li tikkonċerna l-istudji kkoordinati annwali ta' l-attività industrijali (ĠU L 133,ta' l-10.6.1972, p.57).<0} Id-{0><}0{>Direttiva kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-1985.

[3] ĠU L 181, tat-28.6.1989, p.47.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-iskop ta' dan ir-Regolament għandu jkun li jistabbilixxi qafas komuni għall-ġbir, il-kumpilazzjoni, it-trasmissjoni u l-evalwazzjoni ta' statistika tal-Komunità fuq l-istruttura, l-attività, il-kompetittività u l-ħidma tal-kummerċ fil-Komunità.

*Artikolu 2*

Il-kumpilazzjoni ta' l-istatistika ikollha bħala firxa ta' applikazzjoni, speċjalment, biex tanalizza:

(i) l-istruttura u l-evoluzzjoni tan-negozji;

(ii) il-fatturi tal-produzzjoni użati u l-elementi l-oħrajn li jippermettu li titkejjel l-attività kummerċjali, il-ħidma u l-kompetittività;

(iii) l-iżvilupp reġjonali, nazzjonali u internazzjonali tan-negozji u tas-swieq;

(iv) it-twettiq tal-kummerċ;

(v) intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

(vi) karatteristiċi speċifiċi ta' l-intrapriżi konnessi ma' gruppi partikulari ta' attivitajiet.

*Artikolu 3*

1. Dan ir-Regolament ikopri l-attivitajiet kollha tas-suq fis-Sezzjonijiet Ċ sa K u M sa O tal-klassifikazzjoni statistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunitajiet Ewropej (NACE REV. 1).

2. Unitajiet statistiċi tat-tipi elenkati fis-sezzjoni I ta' l-Anness għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 dwar l-unitajiet statistiċi għall-osservanza u l-analiżi tas-sistema ta' produzzjoni fil-Komunitajiet Ewropej ([1]) u li huma kklassifikati taħt waħda mill-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jidħlu fl-iskop ta' dan ir-Regolament. L-użu ta' unitajiet partikulari għall-kumpilazzjoni ta' statistika għandhom jiġu speċifikati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

1. L-istatistika li għandha tkun ikkumpilata għall-oqsma msemmijin fl-Artikolu 2 għandhom jinġabru flimkien bħala moduli indipendenti. Il-moduli indipendenti għandhom ikunu definiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

2. L-informazzjoni li ġejja għandha tkun elenkata f'kull modulu indipendenti:

(i) l-attivitajiet li għalihom għandha tkun ikkumpilata l-istatistika, meħuda mir-rapport indikat fl-Artikolu 3(1);

(ii) it-tipi ta' l-unità statistika li għandhom jintużaw għall-kumpilazzjoni ta' l-istatistika, meħuda mill-lista ta' l-unitajiet statistiċi msemmijin fl-Artikolu 3(2);

(iii) il-listi tal-karatteristiċi li għalihom għandhom jiġu kumpilati l-istatistiċi għall-oqsma elenkati fl-Artikolu 2 u l-perjodi ta' referenza għal dawk il-karatteristiċi;

(iv) lista ta' statistiċi li għandhom jiġu kumpilati fuq id-demografija kummerċjali;

(v) il-frekwenza tal-kumpilazzjoni ta' l-istatistika, li għandha tkun ta' kull sena jew ta' diversi snin. Jekk il-kumpilazzjoni hija multi-annwali, għandha ssir għall-anqas darba kull 10 snin;

(vi) l-iskeda li turi l-ewwel snin ta' referenza għall-istatistika li għandha tkun ikkumpilata;

(vii) l-istandards konnessi mar-rappreżentattività u l-evalwazzjoni tal-kwalità;

(viii) il-perjodu ta' żmien mit-tmiem tal-perjodu ta' referenza li fih għandha tintbgħat l-istatistika;

(ix) l-itwal perjodu transitorju li jista' jingħata.

*Artikolu 5*

Il-moduli indipendenti f'dan ir-Regolament għandhom ikunu:

— il-modulu indipendenti komuni għall-istatistika annwali strutturali kif defininita fl-Anness 1,

— il-modulu indipendenti dettaljat għall-istatistika strutturali fl-industrija kif definita fl-Anness 2,

— il-modulu indipendenti dettaljat għall-istatistika fil-kummerċ kif definita fl-Anness 3,

— il-modulu indipendenti dettaljat għall-istatistika strutturali fil-kostruzzjoni kif definita fl-Anness 4.

*Artikolu 6*

1. L-Istati Membri għandhom jiksbu d-dettalji li hemm bżonn għall-osservazzjoni tal-karatteristiċi fil-listi msemmijin fil-moduli indipendenti fl-Artikolu 5.

2. L-Istati Membri jistgħu jiksbu d-dettalji li hemm bżonn billi jużaw għaqda ta' għejun differenti speċifikati hawn taħt, waqt li japplikaw il-prinċipju ta' simplifikazzjoni amministrattiva:

— l-istudji obbligatorji: l-unitajiet legali, li tagħhom huma l-unitajiet statistiċi msejħa mill-Istati Membri jew li huma komposti minnhom, għandhom jagħtu tagħrif eżatt u komplet fiż-żmien preskritt,

— għejun oħra li huma għallanqas ekwivalenti għal dik li hija eżattezza u kwalità,

— proċeduri ta' estimi statistiċi meta xi wħud mill-karatteristiċi ma jkunux ġew osservati għall-unitajiet kollha.

3. Biex jitnaqqsu l-piżijiet tat-tweġib, l-awtoritajiet nazzjonali u l-awtorità tal-Komunità għandhom, fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti minn kull Stat Membru u mill-Kummissjoni fil-qasam tal-kompetenza rispettiva tagħhom, ikollhom aċċess għall-għejun ta' dettalji amministrattivi li jkopru l-oqsma ta' l-attività ta' l-amministrazzjonijiet pubbliċi tagħhom sal-punt li dawn id-dettalji hemm bżonnhom biex jissodisfaw it-talba għall-eżattezza msemmija fl-Artikolu 7.

([1]) ĠU L 76, tat-30.3.1993, p.1 Ir-Regolament kif emendat bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-1994.

4. L-Istati Membri u l-Kummissjoni, fl-oqsma rispettivi tal-kompetenza tagħhom, għandhom jippromwovu l-kundizzjonijiet għall-użu akbar tat-trasmissjoni elettronika u l-ipproċessar awtomatiku.

*Artikolu 7*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri li hemm bżonn sabiex jassiguraw li d-dettalji trasmessi jirriflettu l-istruttura tal-popolazzjoni ta' l-unitajiet statistika stabbilita fl-anness.

2. Evalwazzjoni tal-kwalità għandha titwettaq bit-tqabbil tal-benefiċċji tad-dettalji disponibbli b'kemm iqum il-ġbir u l-piż fuq il-kummerċ, l-aktar fuq l-impriżi ż-żgħar.

3. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni, fuq it-talba tagħha, l-informazzjoni kollha li hemm bżonn għall-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

*Artikolu 8*

1. Mid-dettalji miġbura u kkalkulati l-Istati Membri għandhom jipproduċu riżultati li jistgħu jitqabblu, wara li ssir l-analiżi stipulata għall-kull modulu indipendenti fl-Artikolu 5.

2. Biex ikunu jistgħu jiġu kumpilati l-aggregati tal-Komunità, l-Istati Membri għandhom jipproduċu komponenti tar-riżultati nazzjonali skond il-livelli tan-NACE REV. 1, stabbiliti fil-moduli fl-Annessi, jew iddeterminati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13.

*Artikolu 9*

1. L-Istati Membri għandhom jgħaddu r-riżultati li hemm dispożizzjoni dwarhom fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament, inklużi d-dettalji kunfidenzjali, lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej skond id-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Komunità dwar it-trasmissjoni ta' dettalji bla ħsara għall-kunfidenzjalità statistika. Dawn id-dispożizzjonijiet tal-Komunità japplikaw għat-trattament tar-riżultati, sa fejn dawn jinkludu dettalji kunfidenzjali.

2. Ir-riżultati għandhom ikunu trasmessi f'format tekniku xieraq u f'perjodu ta' żmien mit-tmiem tal-perjodu ta' referenza li għandu jkun stabbilit għall-kull modulu msemmi fl-Artikolu 5 u li ma jkunx itwal minn 18-il xahar. B'żieda ma dan, numru żgħir ta' estimi ta' riżultati preliminari għandhom ikunu trasmessi f'perjodu ta' żmien mit-tmiem tal-perjodu ta' referenza li jkun stabbilit għal kull modulu msemmi fl-Artikolu 5 u li ma jkunx itwal minn 10 xhur.

*Artikolu 10*

L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, kull informazzjoni relevanti li għandha x'taqsam ma' l-implimentazzjoni tar-Regolament fl-Istati Membri.

*Artikolu 11*

1. Matul il-perjodi transitorju, derogi mid-dispożizzjonijiet ta' l-Annessi jistgħu jintlaqgħu skond kemm is-sistemi ta' l-istatistika nazzjonali jkollhom bżonn ta' adattamenti kbar ħafna.

2. Perjodu transitorju supplimentari jista' jingħata lil xi Stat Membru għall-kumpilazzjoni ta' statistika meta ma jkunx possibbli li jitwettqu d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament minħabba d-derogi mgħotija permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93 tat-22 ta' Lulju 1993 dwar il-koordinazzjoni fil-Komunità fit-tfassil ta' reġistri kummerċjali għall-għanijiet statistiċi [1].

3. L-obbligi taħt dan ir-Regolament għandhom ikunu applikati kompletatment mill-Istati Membri sat-tmiem tal-perjodu transitorju.

*Artikolu 12*

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13, il-proċeduri għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament inklużi l-miżuri għall-aġġustament għall-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi li għandhom x'jaqsmu mal-ġbir u l-ipproċessar ta' dettalji ta' l-istatistika, l-ipproċessar u t-trasmissjoni tar-riżultati, waqt li tittieħed konsiderazzjoni tal-prinċipju li l-benefiċċi tal-miżuri għandhom ikunu akbar mill-ispejjez basta li m'humiex involuti riżorsi addizzjonali kbar kemm għall-Istati Membri kemm ukoll għall-impriżi mqabbla mad-dispożizzjonijiet oriġinali ta' dan ir-Regolament, speċjalment:

(i) l-aġġornament tal-listi tal-karatteristiċi, l-istatistika fuq id-demografija kummerċjali u riżultati preliminari sa kemm l-aġġornament ta' din ix-xorta, wara l-istima kwantitattiva, ma jimplikax żieda fin-numru ta' unitajiet eżaminati jew piż fuq l-unitajiet li mhux proporzjonali mar-riżultati mistennija (l-Artikoli 4 u 9);

(ii) il-frekwenza tal-kumpilazzjoni ta' l-istatistika (l-Artikolu 4);

(iii) id-definizzjonijiet tal-karatteristiċi u r-rilevanza tagħhom għal ċerti attivitajiet (l-Artikolu 4);

(iv) id-definizzjoni tal-perjodu ta' referenza (l-Artikolu 4);

(v) l-ewwel sena ta' referenza għall-kumpilazzjoni tar-riżultati preliminari (l-Artikolu 9);

(vi) il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-kwalità (l-Artikolu 7);

(vii) l-analiżi tar-riżultati, partikolarment il-klassifikazzjonijiet li għandhom jintużaw u t-tagħqid tal-klassijiet tad-daqs (l-Artikolu 8);

(viii) il-format xieraq tekniku għat-trasmissjoni tar-riżultati (l-Artikolu 9);

[1] ĠU L 196, tal-5.8.1993, p.1.

(ix) l-aġġornament tal-perjodi ta' żmien għat-trasmissjoni tad-dettalji (l-Artikolu 9);

(x) il-perjodu transitorju u d-derogi mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mogħtija waqt dak il-perjodu (l-Artikolu 11).

*Artikolu 13*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika stabbilit bid-Deċiżjoni 89/382/KEE, Euratom.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippreżenta lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-fehma tiegħu dwar l-abbozz fi żmien limitat li l-President jista' jistabbilixxi skond l-urġenza tal-każ. L-opinjoni għandha tingħata bil-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill għandu jadotta fuq proposta mingħand il-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat għandhom ikunu peżati skond kif stabbilit f'dak l-Artikolu. Il-President m'għandux jivvota.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri f'dan il-każ jekk dawn jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat.

(b) Jekk il-miżuri intiżi ma jkunux konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat, jew jekk ma tingħatax opinjoni, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tissottometti lill-Kunsill proposta konnessa mal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Jekk, meta jagħlaq il-perjodu ta' tlett xhur mid-data ta' referenza lill-Kunsill, il-Kunsill ma jkunx aġixxa, il-miżuri proposti għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni.

*Artikolu 14*

1. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien tlett snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u darb'oħra kull tlett snin wara dan, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istatistika kkumpilata skond dan ir-Regolament u l-aktar dwar il-kwalità tagħhom u l-piż fuq il-kummerċ.

2. Fir-rapporti msemmijin fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tipproponi dawk l-emendi li taħseb li hemm bżonn.

*Artikolu 15*

Id-Direttivi 64/475/KEE u 72/221/KEE għandhom jieqfu milli japplikaw wara t-trasmissjoni tad-dettalji kollha għas-sena ta' referenza 1994.

*Artikolu 16*

Dan ir-Regolament għandu jidħol jseħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 1996.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. BARRETT

*L-ANNESS 1*

**MODULU INDIPENDENTI KOMUNI GĦALL-ISTATISTIKA STRUTTURALI ANNWALI**

*Sezzjoni 1*

**Għanijiet**

L-għan ta' dan l-Anness huwa li jistabbilixxi qafas komuni għall-ġbir, il-kumpilazzjoni, it-trasmissjoni u l-evalwazzjoni ta' l-istatistika tal-Komunità dwar l-istruttura, l-attività, il-kompetittività u t-tħaddim tal-kummerċ fl-Istati Membri.

*Sezzjoni 2*

**Firxa ta' applikazzjoni**

L-istatistika li għandha tkun ikkumpilata hija konnessa ma' l-oqsma msemmijin fl-Artikolu 2(i), (ii) u (iii) ta' dan ir-Regolament, l-aktar ma' l-analiżi tal-valur miżjud u l-komponenti ewlenin tagħha.

*Sezzjoni 3*

**Kopertura**

1. L-istatistiċi għandhom jiġu kumpilati għall-attivitajiet elenkati fis-sezzjoni 9.

2. Għandhom isiru studji pilota għall-attivitajiet elenkati fis-sezzjoni 10.

*Sezzjoni 4*

**Karatteristiċi**

1. Il-listi tal-karatteristiċi elenkati hawn taħt jindikaw, meta huwa rilevanti, it-tip ta' l-unità statistika li għaliha għandhom jiġu kumpilati l-istatistiċi.

2. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament,, tistabbilixxi t-titoli korrispondenti tal-karatterisitiċi li għalihom għandhom jiġu kumpilati l-istatistiċi fuq attivitajiet fis-sezzjoni J tan-NACE REV. 1 li jikkorrispondu l-aktar mil qrib ma' dawk elenkati fil-paragrafi 3 sa 5.

3. Statistika demografika annwali:

| Kodiċi | It-Titolu | Kumment |
|---|---|---|
| 11 11 0 | Numru ta' l-impriżi | |
| 11 21 0 | Numru ta' unitajiet lokali | |

4. Karatteristiċi ta' l-intrapriżi li għalihom għandhom jiġu kumpilati statistiċi annwali:

| Kodiċi | It-Titolu | Kummenti |
|---|---|---|
| 12 11 0 | Negozju totali | |
| 12 12 0 | Valur tal-produzzjoni | |
| 12 14 0 | Il-valur miżjud fil-prezzijiet bażiċi | |
| 12 15 0 | Il-valur miżjud fl-ispiża tal-fabbrika | |
| 13 31 0 | L-ispejjeż tal-persunal | |
| 13 11 0 | Xiri totali ta' l-oġġetti u s-servizzi | Trasmissjoni volontarja |
| 13 12 0 | Xiri ta' oġġetti u servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kondizzjoni bħal ma jkunu akkwistati | |
| 15 11 0 | Investiment gross f'oġġetti tanġibbli | |
| 16 11 0 | Numru ta' persuni mpjegati | |
| 16 13 0 | Numru ta' impjegati | |

5. Karatteristiċi li għalihom għandhom jiġu kumpilati statistiċi reġjonali annwali:

| Kodiċi | It-Titolu | Kumment |
|---|---|---|
| 13 32 0 | Pagi u salarji | Volontarja |
| 15 11 0 | Investiment gross f'oġġetti tanġibbli | |
| 16 11 0 | Numru ta' persuni impjegati | |

6. Għandhom isiru studji pilota għall-karatteristiċi elenkati fis-sezzjoni 10.

*Sezzjoni 5*

**L-ewwel sena ta' referenza**

L-ewwel sena ta' referenza li għaliha għandha tkun ikkumpilata l-istatistika hija s-sena kalendarja 1995.

*Sezzjoni 6*

**Rapport dwar il-kwalità ta' l-istatistika**

Għal kull waħda mill-karatteristiċi elenkati fis-sezzjoni 4, punt 4, l-Istati Membri għandhom jindikaw il-grad tal-preċiżjoni b'referenza għall-livell ta' fiduċja ta' 95 %, li l-Kummissjoni għandha ddaħħal fir-rapport li hemm dispożizzjoni dwaru fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament, wara li jittieħed akkont ta' l-applikazzjoni f'kull Stat Membru ta' dak l-Artikolu.

*Sezzjoni 7*

**Produzzjoni tar-riżultati**

1. Ir-riżultati għandhom jiġu analizzati b'mod dettaljat sal-livell tal-gruppaġġ ta' l-attivitajiet elenkati fis-Sezzjoni 9.
2. Xi wħud mir-riżultati għandhom jiġu maqsuma wkoll fi klassijiet ta' daqs għal kull grupp tas-Sezzjonijiet Ċ sa G tan-NACE REV. 1 u sal-livell tal-gruppaġġi elenkati fis-sezzjoni 9 għas-Sezzjonijiet l-oħra.
3. Ir-riżultati ta' l-istatistika reġjonali għandhom jinqasmu sal-livell ta' 2 numri (diviżjonijiet) NACE REV. 1 u livell II tan-nomenklatura ta' unitajiet territorjali (NUTS).

*Sezzjoni 8*

**Trasmissjoni tar-riżultati**

1. Ir-riżultati għandhom ikunu trasmessi fi żmien 18-il xahar mit-tmiem tas-sena kalendarja tal-perjodu ta' referenza.
2. Ir-riżultati jew l-estimi nazzjonali preliminari għandhom ikunu trasmessi fi zmien 10 xhur mit-tmiem tas-sena kalendarja tal-perjodu ta' referenza għall-istatistika ta' l-impriżi kumpilati għall-karatteristiċi elenkati hawn taħt:

   12 11 0 (negozju ġenerali)

   16 11 0 (numru ta' nies impjegati).

   Dawn ir-riżultati preliminari għandhom jiġu analizzati għall-livell ta' 3-numri (grupp) tan- NACE REV. 1, barra mis-sezzjonijiet H, I, J u K tan-NACE REV. 1, li għalihom għandhom jiġu analizzati skond il-gruppi stabbiliti fis-sezzjoni 9.

*Sezzjoni 9*

**Aggruppamenti ta' l-attivitajiet**

Il-formazzjoni tal-gruppi ta' l-attivitajiet li ġejjin jirreferu għall-klassifikazzjoni NACE REV. 1.

SEZZJONIJIET Ċ, D, E U F

Tħaffir għall-minerali u xogħol tal-barrieri; manifattura; elettriku, gass u provvista ta' l-ilma; bini.

Biex l-istatistika tal-Komunità tkun tista' tiġi kumpilata, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu r-riżultati tal-komponenti nazzjonali analizzati skond il-klassijiet tan-NACE REV. 1.

SEZZJONI G

Negozju bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi bil-magni, muturi u oġġetti personali u tad-dar.

Biex l-istatistika tal-Komunità tista'tkun ikkumpilata, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu r-riżultati tal-komponenti nazzjonali analizzati skond il-klassijiet tan-NACE REV. 1.

SEZZJONI H

Lukandi u resturanti

| | |
|---|---|
| 55.1 + 55.2 | "Lukandi" u "Siti tal-kampijiet u d-dispożizzjonijiet l-oħrajn dwar l-akkomodazzjoni għal żmien qasir" |
| 55.3 + 55.4 + 55.5 | "Restoranti" |

SEZZJONI I

Trasport, ħażna u komunikazzjoni

| | |
|---|---|
| 60.1 | Trasport permezz tal-ferroviji |
| 60.21 + 60.22 + 60.23 | "Trasport ieħor ta' fuq l-art" mingħajr "it-trasport tal-merkanzija fuq l-art" |
| 60.24 | Trasport tal-merkanzija fuq l-art |
| 60.3 | Trasport permezz ta' pajpijiet |
| 61.1 | Trasport fuq il-baħar u l-ilmijiet kostali |
| 61.2 | Trasport fuq il-kanali interni |
| 62 | Trasport bl-ajru |
| 63.1 + 63.2 + 64.4 | "Attivitajiet ta' sostenn u awżiljarji tat-trasport" mingħajr "l-attivitajiet ta' l-aġenziji ta' l-ivjaġġar u ta' l-operaturi tal-ġiti; attivitajiet ta' għajnuna turistika, nec" |
| 63.3 | "attivitajiet ta' l-aġenziji ta' l-ivjaġġar u ta' l-operaturi tal-ġiti; attivitajiet ta' għajnuna turistika, nec" |
| 64.11 | Attivitajiet tal-posta nazzjonali |
| 64.12 | Attivitajiet tal-kurriera apparti mill-attivitajiet tal-posta nazzjonali |
| 64.2 | Telekomunikazzjonijiet |

SEZZJONI J

Intermedjazzjoni finanzjaraja

| | |
|---|---|
| 65.11 | Banek ċentrali |
| 65.12 | Intermedjazzjoni bankarja oħra |
| 66.01 | Assigurazzjoni fuq il-ħajja |
| 66.03 | Assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja |

SEZZJONI K

Bini u artijiet, kiri u attivitajiet tan-negozju

| | |
|---|---|
| 70 | Attivitajiet ta' l-artijiet u l-bini |
| 71.1 + 71.2 | "Kiri ta' karozzi" I "kiri ta' tagħmir ieħor tat-trasport" |
| 71.3 | Kiri ta' makkinarju u tagħmir ieħor |
| 71.4 | Kiri ta' oġġetti personali u tad-djar, nec |
| 72 | Attivitajiet relatati mal-kompjuter |
| 73 | Riċerka u żvilupp |
| 74.11 + 74.12 + 74.14 + 74.15 | "Attivitajiet legali" u "attivitajiet taż-żamma tal-kotba tal-kontijiet u ta' l-awditjar, konsulenza dwar it-taxxa" u "attivitajiet ta' konsulenza dwar in-negozju u l-amministrazzjoni" u "attivitajiet ta' l-amministrazzjoni dwar kumpaniji *holding*" |
| 74.13 | Riċerka tas-suq u s-sondaġġ ta' l-opinjoni pubblika |
| 74.2 + 74.3 | "Attivitajiet ta' l-arkitettura u l-inġinerija u konsulenza teknika relatata" u "Testijiet u analiżi tekniċi" |
| 74.4 | Reklamar |
| 74.5 | Reklutaġġ tal-ħaddiema u l-provvediment tal-persunal |
| 74.6 | Attivitajiet ta' l-investigazzjoni u tas-sigurtà |
| 74.7 | Tindif industrijali |
| 74.8 | Attivitajiet oħrajn tan-negozju. nec |

*Sezzjoni 10*

## Rapporti u studji pilota

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapport konness mad-definizzjoni, l-istruttura u d-disponibbilità ta' l-informazzjoni fuq unitajiet statistiċi li huma klassifikati taħt il-Grupp 652, il-Klassi 6602, id-Diviżjoni 67 u s-sezzjonijiet M sa O tan-NACE REV. 1. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament, tiftaħ serje ta' studji pilota għal dawn l-attivitajiet li għandhom ikunu mwettqa mill-Istati Membri l-aktar tard għas-sena ta' referenza 1998. Dawn l-istudji pilota għandhom jitwettqu sabiex isiru l-estimi tal-possibiltà li jinġabru d-dettalji li hemm bżonn għall-kumpilazzjoni tar-riżultati għal dawn l-attivitajiet, wara li jingħata każ tal-benefiċċi tad-disponibbilità tad-dettalji b'konnessjoni ma' l-ispiża tal-ġbir u l-piż fuq il-kummerċ.

2. Għall-attivitajiet elenkati fis-sezzjoni 9, l-Istati Membri sgħandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapport konness mad-disponibbilità tad-dettalji li hemm bżonn għall-kumpilazzjoni tar-riżultati għall-karatteristiċi li ġejjin:

| Kodiċi | It-Titolu | Kummenti |
|---|---|---|
| 12.18.0 | Żejjed finanzjarju | Persuni legali biss |
| 14.11.0 | Negozju globali minn forniment intra-Komunitarji ta' oġġetti u servizzi | |
| 14.12.0 | Negozju globali minn esportazzjoni intra-Komunitarji ta' oġġetti u servizzi | |
| 14.21.0 | Akkwisti intra-komunitarji ta' oġġetti u servizzi | |
| 14.22.0 | Importazzjoni intra-komunitarja ta' oġġetti u servizzi | |
| 15.11.0 | Investiment gross f'oġġetti tanġibbli | Għal dettalji reġjonali biss |

Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament, tiftaħ serje ta' studji pilota għal dawn il-karatteristiċi li għandhom jiġu mwettqa mill-Istati Membri l-aktar tard għas-sena ta' referenza 1998. Dawn l-istudji pilota għandhom jitwettqu biex isiru l-estimi tal-possibiltà li jinġabru d-dettalji li hemm bżonn għall-kumpilazzjoni tar-riżultati għal dawn il-karatteristiċi, wara li jingħata każ tal-benfiċċi tad-disponibilità tad-dettalji konnessi mal-prezz tal-ġbir u l-piż fuq il-kummerċ.

3. Għas-sezzjonijiet G sa K tan-NACE REV. 1, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapport konness mad-disponibbilità tad-dettalji li hemm bżonn għall-analiżi dettaljata tar-riżultati skond jekk hemmx jew le kontroll minn maġġoranza minn impriżi li mhumiex residenti skond kif definit fil-GATS. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament, tiftaħ serje ta' studji pilota għal din l-analiżi li għandha tiġi mwettqa l-aktar tard sas-sena ta' referenza 1998. Dawn l-istudji pilota għandhom jitwettqu biex issir l-istima tal-possibbiltà li jinġabru d-dettalji li hemm bżonn għall-kumpilazzjoni ta' dawn l-analiżi, wara li jingħata każ tal-benfiċċi tad-dettalji konnessi ma' kemm iqum il-ġbir u l-piż fuq il-kummerċ.

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill bil-possibbiltajiet li jiġu kumpilati statistiċi għall-attivitajiet, għall-karatteristiċi u għall-analiżi elenkati fil-paragrafi 1, 2 u 3 u għandha tinkludi rakkomandazzjoni fuq iż-żieda ta' xi wħud minn dawn l-attivitajiet jew l-attivitajiet kollha, l-karatteristiċi u t-tqassim tal-listi fis-sezzjonijiet 4, 7 u 9.

*Sezzjoni 11*

## Perjodu transitorju

Għall-iskopi tal-modulu komuni indipendenti definit f'dan l-Anness, il-perjodu transitorju m'għandux jestendi għal aktar minn erba' snin wara l-ewwel snin ta' referenza għall-kumpilazzjoni ta' l-istatistika indikata fis-sezzjoni 5.

*L-ANNESS 2*

## MODULU INDIPENDENTI DETTALJAT GĦALL-ISTATISTIKA STRUTTURALI FL-INDUSTRIJA

*Sezzjoni 1*

### Għanijiet

L-għan ta' dan l-Anness huwa li jistabbilixxi qafas komuni għall-ġbir, il-kumpilazzjoni, it-trasmissjoni u l-evalwazzjoni ta' l-istatistika tal-Komunità dwar l-istruttura, l-attività, il-kompettitività u l-operat tas-settur ta' l-industrija.

*Sezzjoni 2*

### Firxa ta' applikazzjoni

L-istatistika li għandha tkun ikkumpilata hija marbuta ma' l-oqsma msemmijin fl-Artikolu 2(i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' dan ir-Regolament, speċjalment għal:

— lista ċentrali ta' statistika għall-analiżi dettaljata ta' l-istruttura, l-attività, l-operat u l-kompetittività ta' l-attivitajiet industrijali,

— lista oħra ta' statistika għall-istudju ta' suġġetti speċjali.

*Sezzjoni 3*

### Kopertura

L-istatistika għandha tkun ikkumpilata għall-attivitajiet kollha kklassifikati taħt il-kopertura tas-Sezzjonijiet Ċ, D u E tan-NACE REV. 1. Dawn is-Sezzjonijiet ikopru l-attivitajiet tat-tħaffir għal minerali u tal-barrieri (Ċ), il-manifattura (D) u l-elettriku, il-gass u l-provvista ta' l-ilma (E). L-istatistika ta' l-impriżi għandha tkun relatata mal-popolazzjoni ta' l-impriżi kklassifikati skond l-attività ewlenija tagħhom fis-sezzjonijiet Ċ, D u E.

*Sezzjoni 4*

### Karatteristiċi

1. Il-listi tal-karatteristiċi u l-istatistika stabbilita hawn taħt jindikaw, meta huwa relevanti, it-tip ta' l-unità ta' l-istatistika li għaliha għandha tkun ikkumpilata l-istatistika u jekk għandhomx jiġu kumpilati kull sena jew għal numru ta' snin. L-istatistika u l-karatteristiċi fil-korsiv huma nklużi wkoll fil-listi tal-modulu indipendenti komuni.

2. Statistika demografika annwali:

| Kodiċi | It-Titolu | Kumment |
|---|---|---|
| *11 11 0* | *Nurmu ta' impriżi* | |
| 11 12 0 | Numru ta' twelid ta' impriżi | |
| 11 13 0 | Numru ta' mwiet ta' impriżi | |
| *11 21 0* | *Numru ta' unitajiet lokali* | |
| 11 31 0 | Numru tat-tip ta' l-attività ta' l-unitajiet | |

3. Il-karatteristiċi ta' l-impriżi li għalihom għandha tkun ikkumpilata l-istatistika annwali:

| Kodiċi | It-Titolu | Kumment |
|---|---|---|
| *12 11 0* | *Negozju totali* | |
| *12 12 0* | *Valur tal-produzzjoni* | |
| 12 13 0 | Marġini grossa fuq oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid | |
| *12 14 0* | *Valur miżjud fil-prezzijiet bażiċi* | *Trasmissjoni volontarja* |
| *12 15 0* | *Valur miżjud fil-prezzijiet bażiċi* | |
| 12 17 0 | Iż-żejjed gross mill-operat | |
| *13 11 0* | *Xiri totali ta' oġġetti u servizzi* | |
| *13 12 0* | *Xiri ta' oġġetti u servizzi mixtrija għal bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif akkwistati* | |
| 13 13 1 | Pagamenti għall-ħaddiema ta' l-aġenzija | |
| 13 21 3 | Tibdil fil-ħażna ta' prodotti kompluti u xogħol li jkun għadu jseħħ li jkun manufatturat mill-unità | |
| 13 32 0 | Pagi u salarji | |
| 13 33 0 | Spejjeż tas-sigurtà soċjali | |
| 13 41 1 | Pagamenti għal kiri fit-tul u l-kiri operazzjonali ta' l-oġġetti | |
| 15 12 0 | Investiment gross fl-art | |
| 15 13 0 | Investiment gross f'bini u strutturi eżistenti | |
| 15 14 0 | Investiment gross fil-kostruzzjoni u l-alterazzjoni tal-bini | |
| 15 15 0 | Investiment gross fil-makkinarju u t-tagħmir | |
| 15 21 0 | Bejgħ ta' oġġetti tanġibbli ta' investiment | |
| 15 31 0 | Il-valur ta' l-oġġetti tanġibbli akkwistati permezz tal-kiri finanzjarju | |
| *16 11 0* | *Numru ta' persuni impjegati* | |
| *16 13 0* | *Numru ta' impjegati* | |
| 16 13 1 | Numru ta' impjegati *part-time* | |
| 16 13 2 | Numru ta' apprendisti | |
| 16 14 0 | Numru ta' impjegati f'unitajiet ekwivalenti ta' *full-time* | |
| 16 15 0 | Numru ta' sigħat maħduma mill-impjegati | |
